

- 3) Fil-kuntest tat-tieni domanda, il-qorti fl-Istat Membru li jkun irċieva talba għal konsenja hija obbligata tipposponi d-deċiżjoni finali dwar l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew sabiex tistenna ċarezza ikbar dwar is-sistema legali rilevanti li għandha tiġi implimentata wara li l-Istat Membru rilevanti li jkun irċieva talba għal konsenja jkun ħareġ mill-Unjoni
- (i) fil-każijiet kollha?
- (ii) f'ċerti każijiet, b'teħid inkunsiderazzjoni taċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ?
- (iii) fl-ebda każ?
- 4) Jekk ir-risposta għat-tielet domanda tkun dik mogħtija taħt il-punt (ii), liema huma l-kriterji jew il-kunsiderazzjonijiet li qorti fl-Istat Membru li jkun irċieva talba għal konsenja għandha tevalwa sabiex tiddetermina jekk hijiex obbligata tipposponi d-deċiżjoni finali dwar l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew?

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Vrhovno sodišče Republike Slovenije (is-Slovenja) fid-19 ta' Marzu 2018 – Jadran Dodič vs BANKA KOPER, ALTA INVEST

(Kawża C-194/18)

(2018/C 190/13)

Lingwa tal-kawża: is-Sloven

Qorti tar-rinviju

Vrhovno sodišče Republike Slovenije

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Jadran Dodič

Konvenuti: BANKA KOPER, ALTA INVEST

Domandi preliminari

- 1) L-Artikolu 1(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/23/KE ⁽¹⁾ għandu jiġi interpretat fis-sens li trasferiment bħal dak li nħoloq fiċ-ċirkustanzi tal-każ inkwistjoni, li kien jinkludi l-istrumenti finanzjarji u l-attivitajiet patrimonjali l-oħra tal-klijenti (b'mod speċifiku, it-titoli), il-kontabbiltà relatata mat-titoli ta' kreditu immaterjali tal-klijenti u servizzi finanzjarji u aċċessorji oħra, kif ukoll l-arkivju, għandu jiġi kkwalfikat bħala trasferiment legali ta' impriża jew ta' parti minn impriża, fid-dawl tal-fatt li, wara l-waqfien mill-attività ta' senserija fil-borża min-naħa tal-ewwel konvenuta, it-trasferiment tal-provvista ta' dawn is-servizzi lit-tieni konvenuta kien jiddependi, b'mod definittiv, mid-deċiżjoni tal-kontraenti (il-klijenti)?
- 2) Fiċ-ċirkustanzi msemmija, wara l-waqfien mill-attività ta' senserija fil-borża min-naħa tal-ewwel konvenuta, huwa determinanti n-numru ta' kontraenti li lilhom it-tieni konvenuta attwalment tipprovdha l-imsemmija servizzi?
- 3) Il-fatt li l-ewwel konvenuta tkompli fl-attivitajiet tagħha mal-kontraenti fil-kapaċità tagħha bħala kumpannija ta' promozzjoni finanzjarja mhux indipendenti u, fl-ambitu ta' tali funzjoni, tikkoopera mat-tieni konvenuta, ikollu b'xi mod inċidenza fuq il-konstatazzjoni tal-eżistenza ta' trasferiment ta' impriża jew ta' stabbiliment?

⁽¹⁾ Direttiva tal-Kunsill 2001/23/KE tat-12 ta' Marzu 2001 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet ta' l-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' impriża, negozji jew partijiet ta' impriża jew negozji (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 98)